# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 19 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 6**

**Rikors numru 711/21/1 GG**

**Kenneth Mamo**

**v.**

**L-Awtorità Għat-Transport f'Malta**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Kenneth Mamo minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Mejju, 2023, li ma laqgħetx it-talbiet tiegħu sabiex l-Awtorità Għat-Trasport f'Malta tiġi kkundannata tħallsu għat-telf ta' qligħ li jgħid li ġarrab, minħabba li fl-2018 hija rrifjutat illi toħroġlu *tag* (i.e. tikketta) ta' xufier skont ir-**Regolamenti**

**dwar il-Vetturi bil-Mutur (Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11)** biex ikun jista' jsuq vetturi tal-kiri maħsuba biex iġorru l-passiġġieri.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tal-21 ta' Lulju, 2021, l-attur Kenneth Mamo fisser li huwa kien jaħdem bħala xufier ma' kumpanija li tagħmel il-films. Jispjega li fis-sena 2018, l-Awtorità konvenuta kienet ċaħdet talba tiegħu biex jingħata *tag* ta' xufier għaliex qieset li huwa ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont ir-**Regolament 62D(1)(a)(iii) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11**. Jgħid li b'sentenza mogħtija fit-23 ta' April, 2021, il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) sabet li d-deċiżjoni tal-Awtorità konvenuta li ma tagħtihx it-*tag* kienet waħda ħażina.

3. Iżid li huwa kien talab lill-Awtorità konvenuta, anke permezz ta' ittra uffiċjali, sabiex din tagħmel tajjeb għax-xogħol li huwa tilef minħabba d-deċiżjoni tat-23 ta' Ottubru, 2018. Madankollu l-Awtorità konvenuta ma aċċettatx illi tħallsu. Minħabba f'hekk, huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara li bid-deċiżjoni inizzjali magħmula mill-Awtorità intimata fis-sena 2018, fejn din irrifjutat l-applikazzjoni tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti sofra d-danni konsistenti f'telf ta' xogħol.*
>
> *2. Tillikwida d-danni hekk sofferti.*
>
> *3. Tordna li l-Awtorità intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma hekk*

*likwidata u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali nru: 1945/2021 kif ukoll l-imgħax skont il-liġi u l-Awtorità intimata in subizzjoni.»*

4. L-Awtorità Għat-Trasport f'Malta wieġbet għal dan ir-rikors maħluf fit-12 ta' Awwissu, 2021 u qajmet dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi, preliminarjament, l-attur għandu jiddikjara abbażi ta' liema artikolu tal-liġi huwa qiegħed isejjes it-talba tiegħu, u żżomm id-dritt illi tippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri in segwitu għal tali dikjarazzjoni.*

*2. Illi, sussidjarjament u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi d-deċizjoni meħuda mill-Awtorità eċċipjenti u li l-attur qed jilmenta illi kkawżatlu danni kienet waħda raġonevoli u meħuda entro l-parametri ta' dak illi l-liġi stess timponilha li tagħmel bħala regolatur tas-settur, u l-fatt illi l-appell li l-attur kien interpona minn tali deċizjoni ġie akkolt ma jirrendix lill-Awtorità passibbli għad-danni illi qed jippretendi l-attur u dan anke fid-dawl tal-fatt illi l-Awtorità eċċipjenti ħadet id-deċizjoni lamentata in buona fede, b'eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħha bħala regolatur u ċertament mhux bil-ħsieb li tikkawża danni lill-attur iżda unikament bil-ħsieb illi taqdi l-funzjonijiet regolatorji tagħha kif inhi obbligata tagħmel skont il-liġi.*

*3. Illi, oltre dan, l-Awtorità teċċepixxi illi d-deċiżjoni minnha meħuda fil-konfront tal-attur hija konformi ma' deċiżjonijiet oħra minnha meħuda fil-konfront ta' applikanti oħra li, fl-ipproċessar tal-applikazzjoni tagħhom, kien ukoll meħtieġ illi jiġu applikati l-istess provvedimenti tal-liġi, u għalhekk l-Awtorità eċċipjenti ma tistax titqies passibbli għad-danni kif altrimenti setgħet talvolta tinżamm passibbli kieku fil-konfront tal-attur hija aġixxiet b'mod diskriminatorju.*

*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jkunu permissibbli skond il-liġi.»*

5. B'nota tal-25 ta' Ottubru, 2021 (ara paġna 37 tal-atti tal-kawża), l-attur Kenneth Mamo ddikjara li l-azzjoni tiegħu tressqet fuq is-saħħa tal-**Artikoli 1031** u **1032** tal-**Kodiċi Ċivili**, li jitkellmu dwar id-delitti u l-kważi-delitti.

6. B'sentenza mogħtija fil-11 ta' Mejju, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż kollha kontrih. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

> *«Illi kwantu l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-Awtorità konvenuta, l-attur wiegeb li huwa qiegħed isejjes il-kawża tiegħu fuq l-**Artikoli 1031** u **1033 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dawn l-artikoli jipprovdu hekk:*
>
> > *«1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*
> >
> > *1033 (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*
> >
> > *(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.»*
>
> *Illi apparti l-fatt illi l-Awtorità konvenuta donnha abbandunat ossia ma baqgħetx issostni l-eċċezzjoni tagħha, l-attur wera biċ-ċar taħt liema dispożizzjoni tal-liġi qiegħed iressaq il-kawża tiegħu u għalhekk mhux meħtieġ li jsiru konsiderazzjonijiet ulterjuri in rigward għajr li l-attur issodisfa l-kweżit magħmul mill-istess Awtorità;*
>
> *Fil-mertu, jibda biex jingħad illi din is-sentenza mhix u ma għandhiex titqies bħala xi forma ta' appell ulterjuri għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-23 t'April, 2021 fl-ismijiet **Kenneth Mamo v. Awtorità għat-Trasport f'Malta App Inf Numru 110/2018/1 LM**. B'dik is-sentenza għaddiet in ġudikat l-ordni tatTribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tat-30 ta' Mejju, 2019 li biha rrevokat id-deċiżjoni tal-Awtorità meta ċaħdet it-talba tal-attur għall-otteniment ta' liċenzja ta' xufier. Dawk il-proċeduri kienu dwar l-interpretazzjoni tal-liġi filwaqt illi din odjerna tirrigwarda rresponsabilità o meno tal-Awtorità konvenuta fit-tifsira żbaljata tagħha dwar min ma jissodisfax ir-rekwiżiti għal-otteniment ta' liċenzja ta' xufier u d-danni emergenti minn dak l-allegat nuqqas;*
>
> ***Konsiderazzjonijiet ta' dritt**:*
>
> *F'dan l-istadju tajjeb li jkunu rikapitolati l-fatti saljenti tal-kwistjoni odjerna fejn l-attur qiegħed jitlob għad-danni li ssubixxa kawża tal-interpretazzjoni ħażina da parti tal-Awtorità tal-liġi applikabbli li ssarfet fiċ-ċaħda tiegħu li jottjeni liċenzja ta' xufier marbuta mad-dewmien sabiex ittih risposta f'liema żmien u kawża tal-istess interpretazzjoni safa jitlef ix-xogħol tiegħu;*

...

*Dak li issa jeħtieġ ikun konsiderat hu kemm l-azzjoni tal-Awtorità tikwalifikax bħala "dolus" jew "culpa" fit-termini tal-**Artikoli 1031 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili**. Din l-azzjoni kienet tikkonsisti fiċ-ċaħda ta' liċenzja bażata fuq l-interpretazzjoni tal-liġi applikabbli. Aktar minn interpretazzjoni irid jingħad li l-Awtorità kienet konvinta li ma kien hemm l-ebda lok ta' interpretazzjoni għaliex il-liġi kienet ċara u għalhekk kienet qed tapplika l-liġi, skont hi, kif dejjem applikata f'kull ċirkostanza simili. Il-konvinċiment tal-Awtorità fit-thaddim tal-liġi in kwistjoni kien radikat mill-fatt li kienet hi stess li ppilotat il-liġi;*

*Ir-**Regolament 62D (1) (iii) tal-Liġi Sussidjarja 65.11** kien jipprovdi hekk: «Persuna ma tkunx meqjusa li tissodisfa l-kondizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba: jekk hija tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher: fl-**Artikoli 4, 5, 6(a), 7,8(b)(ċ), 15, 15A, 16, 18 u 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi**". Issa huwa pależi illi xi snin qabel ma applika għat-tag, l-attur kien instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' pussess aggravat ta' ecstasy ossia ta' pussess f'ċirkostanzi li kienu juru li din ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu kif ukoll ta' pussess sempliċi ta' raża meħuda mill-pjanta tal-cannabis. Tajjeb li jkun osservat illi filwaqt illi r-regolamenti fil-**L.S.** jelenkaw dawk il-provvedimenti tal-**Ordinanza Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta** li minħabba fihom ma tistax tinħareġ liċenzja, il-pussess tad-droga ecstasy f'ċirkostanzi aggravanti taqa' 'l hinn minn din l-Ordinanza stante li dak huwa reat ipotizzat fil-**Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta**. Jiġifieri żball jew le tal-leġislatur, dik il-kundanna qatt ma setgħat tkun konsiderata mill-Awtorità. U minn hawn huwa evidenti x'ġara, jiġifieri li l-ħsieb tal-Awtorità meta ppilotat il-liġi ma kienx rifless fl-istess provvediment la darba dan il-provvediment ma jindikax il-**Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta** filwaqt illi l-Awtorità kienet konvinta li d-droga ecstasy hija regolata bl-**Ordinanza Kap 101**;*

*Magħmula din l-osservazzjoni, jokkorri xorta waħda għalhekk ikun meqjus jekk l-Awtorità tistax titqies in "dolo" meta ddeċidiet li l-attur jissodisfax ir-rekwiżit ta' kondotta tajba bil-kundanna li kellu għall-pussess sempliċi tar-raża meħuda mill-cannabis. Fid-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal ta' Revizzjoni Amministrattiva għamel analiżi pertinenti tal-kwistjoni u din qed tkun riprodotta għaliex tigbor fiha l-qofol tal-kwistjoni:*

> *«Illi minn eżami tal-artikoli ċitati tal-**Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta** u ċjoè **Artikoli 4, 5, 6(a), 7, 8(b)(c), 15, 15A, 16, 18** jirriżulta illi dawn jitrattaw reati li jeskludu l-pussess sempliċi. Hekk per eżempju artikolu 4 jitratta dwar ir-reat ta' koltivazzjoni tal-pepprin tal-oppju jew il-pjanta tal-koka. **Artikolu 5** jitratta r-reat ta' importazzjoni jew esportazzjoni tal-oppju ppreparat. **Artikolu 6(a)** jitratta r-reat ta' min jimmanifattura, ibigħ jew jitraffika l-oppju ppreparat. **Artikolu 8(b)** jitratta r-reat ta' manifattura, bejgħ jew traffikar tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, filwaqt li **Artikolu 8(c)** jitratta dwar ir-reat ta' koltivazzjoni tal-*

> *pjanta cannabis. **Artikolu 15** jitratta dwar ir-reat ta' meta persuna ġġib Malta mediċina perikoluża li tkun fil-kors ta' vjaġġ filwaqt li **Artikolu 15A** jitratta r-reat ta' importazzjoni jew esportazzjoni ta' mediċina perikoluża. **Artikolu 16** jitratta r-reat dwar min igorr mediċina perikoluża mingħajr liċenzja filwaqt li **Artikolu 18** jitratta r-reat ta' persuna li ġġiegħel li mediċina perikoluża miġjuba f'Malta fil-kors tal-vjagg tiġi diretta għal destinazzjoni oħra minn dik li għaliha kienet oriġinarjament mibgħuta.»*

*Fid-decide tiegħu t-Tribunal irritjena Illi t-Tribunal ħaseb fit-tul kif għandu jiġi interpretat is-subinċiż (iii) tar-**Regolament 62D(1)(a)**. Illi jidher ċar illi l-ispirtu tal-leġislatur kien illi jeskludi mill-applikazzjoni tar-Regolament ċitat ir-reat ta' pussess ta' kannabis u mediċini oħra perikolużi. Dan huwa evidenti fil-fatt li kien selettiv meta niżżel l-artikoli li abbażi tagħhom seta' jinħareġ ir-rifjut. Kieku ma kinitx din l-intenzjoni tal-Leġislatur ma kienx ikun hemm għalfejn jiċċita l-artikoli individwali tal-**Kapitolu 101** u kien jiċċita biss l-**Artikolu 22** għaliex dan prattikament jagħmel reat kull ksur jew nuqqas ta' tħaris id-dispożizzjoni tal-istess Ordinanza. Jekk din il-Qorti kellha tazzarda tfisser id-deċiżjoni tat-Tribunal, komfermata mill-Qorti tal-Appell, fi ftit kliem ikollha tgħid li l-Awtorità kellha tinterpreta l-liġi b'mod aktar wiesgħa u mhux b'mod daqstant ad litteram. Għalhekk dak li għandu jsegwi issa hija konsiderazzjoni dwar jekk l-Awtorità għandiex twiegeb għall-aġir tagħha fl-interpretazzjoni ħażina tal-liġi;*

*L-Awtorità qieset li l-attur kien falla r-rekwiżit ta' kondotta tajba għaliex ir-Regolament ċitat apparti li jsemmi reati speċifiċi jakkludi kull reat bi ksur tal-**Artikolu 22 tal-Ordinanza** li allura jirreferi għall-kull offiża inkluża dik ta' pussess sempliċi. Tgħid l-Awtorità ma għamlitx dan b'kapriċċ tant illi anke it-Tribunal stess stqarr li ħaseb fit-tul dwar din l-interpretazzjoni;*

*B'rabta ma' dak ċitat supra min-noti tal-Professur Mamo, u issa li huma esposti l-fatti li dwarhom trid tiddeċiedi l-Qorti, tajjeb li ssir referenza għal ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in rigward. Fis-sentenza **Elia Vella v. Ġużeppi Dimech** Prim'Awla Qorti Ċivili 17 ta' April 1989, (**Kollezz Vol LXXIII-1989** Pt. III-V pġ 788) kien ritenut illi, «Dwar it-tieni rekwiżit [responsabilità għad-danni], ir-responsabilità tista' tkun dovuta għall-att doluż jekk min jagħmel id-danni jkun qed jagħmilhom volontarjament, jew għall-att kolpuż ta' culpa jekk min jagħmilhom ikun għamilhom involontarjament, però ma jkunx uża d-diliġenza neċessarja meta wieħed jaġixxi bħala bonus paterfamilias (**art. 1032**, para. 12). F'dan ir-rigward, l-Awtorità konvenuta ssostni li d-deċiżjoni tagħha kienet waħda in buona fede u li ma għamlet l-ebda distinzjoni fl-applikazzjoni tal-liġi b'mod li jista' jitqies li ddiskriminat kontra l-attur;*

*Illi dak li dwaru nstab ħati l-attur relevanti għall-applikazzjoni tiegħu, jiġifieri l-pussess sempliċi tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis huwa r-reat ravviżat fl-**Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101**. Dan l-artikolu mhuwiex wieħed minn dawk elenkati fir-**Regolamenti tal-L.S.***

> *inkwistjoni. Il-konsiderazzjoni, iżda, ma tieqafx hemm, għaliex minkejja dan, l-istess **L.S.**, kif ġa spjegat, ssemmi wkoll l-**Artikolu 22 tal-Ordinanza** li b'mod ġenerali jipprovdi inter alia għal, «kull min jikser jew jonqos li jħares id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza…ikun ħati ta' reat kontra din l-Ordinanza.» Ifisser dan allura illi meta l-Awtorità qieset lill-attur bħala mhux ta' karattru tajjeb għamlet hekk mhux b'mod kapriċċuż jew kawża ta' interpretazzjoni mingħajr qies. Il-fatt li t-Tribunal ġustament strada l-interpretazzjoni tal-**L.S.** minn hemm 'il quddiem ma għandux awtomatikament ifisser illi l-Awtorità għadha titqies in dolo fl-aġir tagħha. Kienet tagħti lok għall-konsiderazzjonijiet diversi li kieku r-Regolament ma kienx jakkludi l-provvediment ġenerali fl-**Artikolu 22 tal-Kap 101**. B'hekk tqis li d-deċiżjoni kienet waħda arbitrio boni viri;*
>
> *Għal dawn ir-raġunijiet, tqis li l-Awtorità ma għandhiex tkun tenuta responsabbli għad-danni sofferti mill-attur u konsegwentement filwaqt illi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorità konvenuta, tiċħad it-talbiet tal-attur;*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-attur.»*

7. L-attur Kenneth Mamo appella minn din is-sentenza b'rikors tas-26 ta' Mejju, 2023, bl-aggravju jkun li l-Ewwel Qorti kellha tikkundanna lill-Awtorità konvenuta sabiex tħallsu għad-danni kollha li ġarrab minħabba li mhux biss hija interpretat ħażin il-liġi meta ma tagħtux it-*tag* ta' xufier iżda baqgħet tippersisti b'din l-interpretazzjoni ħażina tal-liġi meta għażlet li tappella mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

8. L-Awtorità Għat-Trasport f'Malta wieġbet għal dan l-appell fis-6 ta' Ġunju, 2023, u hemmhekk hija tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud.

9. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih

għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

10. Il-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti hija dwar jekk l-Awtorità konvenuta għandhiex tinsab responsabbli għad-danni li ġarrab l-attur minħabba li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) sabu li l-Awtorità konvenuta ma ddeċidietx tajjeb, meta fit-23 ta' Ottubru, 2018 hija ċaħdet talba tal-attur biex jingħata *tag* ta' xufier għaliex qieset li huwa ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont ir-**regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur**.

11. Rilevanti li r-**regolament 130A(1)** ta' dawn ir-regolamenti kien jgħid li ebda persuna ma setgħet issuq vettura bil-mutur għall-kiri jekk dik il-persuna ma jkollhiex *tag* ta' xufier maħruġa lilha mill-Awtorità Għat-Trasport f'Malta, filwaqt li r-**regolamenti 130A(2)(b)** u **130B** kienu jgħidu li din it-*tag* tinħareġ biss jekk ix-xufier ikollu reputazzjoni u kondotta tajba kif imfisser fir-**regolament 62D**.

12. Issa fiż-żmien meta l-Awtorità konvenuta rrifjutat li tagħti din it-*tag* lill-attur appellant, ir-**Regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar**

**il-Vetturi bil-Mutur** kien jaqra hekk:

> *«62D.(1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba:*
>
> *(a) jekk hija tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher:*
>
> *...*
>
> *(iii) fl-artikoli 4, 5, 6(a), 7, 8(b)(c),15, 15A, 16, 18 u 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.»*

13. Dan l-Artikolu tal-liġi ġie introdott għall-ewwel darba fil-liġi Maltija permezz tal-**Avviż Legali 123 tal-2018**, mitbugħ fil-Gazzetta tal-Gvern fit-13 ta' April, 2018.

14. Issa l-Awtorità konvenuta qalet li l-attur appellant ma kienx ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont dan l-artikolu tal-liġi minħabba s-sentenzi mogħtija kontrih mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-3 ta' Mejju, 2004 u fil-5 ta' Marzu 2010.

15. Fl-ewwel sentenza l-attur appellant instab ħati talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga *ecstacy* f'ċirkostanzi li juru li din ma kinitx maħsuba għalih innifsu; talli għadda d-droga *ecstacy* lil ħaddieħor mingħajr permess; u talli kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta tal-kannabis. Min-naħa l-oħra fit-tieni sentenza, l-attur appellant instab ħati talli għal darb'oħra huwa kien fil-pussess tar-raża tal-kannabis.

16. L-attur appellant ma qabilx mad-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità

konvenuta li huwa ma kellux reputazzjoni u kondotta tajba għall-għanijiet tar-**Regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur** u minħabba f'hekk huwa ressaq kawża quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sabiex jikkontesta d-deċiżjoni tal-Awtorità konvenuta li ma ħarġitlux it-*tag* ta' xufier.

17. B'sentenza tat-30 ta' Mejju, 2019, it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ta raġun lilll-appellant Kenneth Mamo għaliex dehrlu li huwa ma setax jitqies bħala persuna li m'għandux reputazzjoni u kondotta tajba skont ir-**Regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur**. Fil-qosor ir-raġunijiet tat-Tribunal kienu dawn:

i. li r-reati marbuta mal-pussess u mat-tqassim tad-droga *ecstacy* mhumiex misjuba fl-**Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi** msemmija fir-**Regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur** iżda jinsabu fl-**Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Għandhom X'Jaqsmu Magħha** li ma tissemmiex fir-**Regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur**;

ii. li r-reat marbut mal-pussess tar-raża tal-kannabis jinsab fl-**Artikolu 8(a) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi** li mhuwiex fost l-artikoli msemmija fir-**Regolament 62D(1)(a)(iii) tar-**

**Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur**;

iii. Li l-attur appellant ma nstabx ħati tar-reati msemmija fl-**Artikolu 4** (tkabbir tal-pepprin tal-oppju jew tal-pjanta tal-koka), **Artikolu 5** (importazzjoni jew esportazzjoni tal-oppju ppreparat), **Artikolu 6(a)** (manifattura, bejgħ jew traffikar tal-oppju ppreparat), **Artikolu 7** (importazzjoni jew esportazzjoni tal-kannabis), **Artikolu 8(b)(c)** (produzzjoni, bejgħ, traffikar u tkabbir tal-kannabis), **Artikolu 15** (ġarr lejn Malta ta' mediċini perikolużi fil-kors ta' vjaġġ), **Artikolu 15A** (projbizzjoni ġenerali fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' mediċini perikolużi), **Artikolu 16** (ġarr ta' mediċina perikoluża bla liċenzja) u **Artikolu 18** (tibdil ta' destinazzjoni ta' mediċini perikolużi mingħajr ċertifikat) tal-**Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi**; u

iv. Li għalkemm ir-**regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur** isemmi wkoll l-**Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi**, li joħloq reat għal kull min jikser jew jonqos li jħares id-dispożizzjonijiet tal-istess **Ordinanza**, madankollu l-ispirtu tal-leġislatur kien li jeskludi mill-applikazzjoni tar-**regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur** ir-reati li għandhom x'jaqsmu mal-pussess ta' kannabis u mediċini oħra perikolużi. Fi kliem it-Tribunal, «*Dan huwa evidenti fil-fatt li kien selettiv meta niżżel l-artikoli li abbażi tagħhom seta' jinħareġ ir-rifjut. Kieku ma*

*kinitx din l-intenzjoni tal-leġislatur ma kienx ikun hemm ghalfejn jiċċita l-artikoli individwali tal-Kapitolu 101 u kien jiċċita biss l-Artikolu 22 ghaliex dan prattikament jagħmel reat kull ksur jew nuqqas ta' tħaris id-dispożizzjoni tal-istess Ordinanza*.»

18. L-Awtorità Għat-Trasport f'Malta appellat minn din id-deċiżjoni, iżda dan l-appell ġie miċħud mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) b'sentenza mogħtija fit-23 ta' April, 2021.

19. Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) qablet mat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li l-leġislatur kien selettiv fl-artikoli tal-liġi msemmija fir-**regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur**, b'dana li huwa ried li jiskwalifika milli jikseb it-*tag* ta' xufier min ikun instab ħati ta' reati gravi taħt l-**Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi** u mhux ta' reati inqas gravi bħalma huwa l-pussess tal-kannabis għall-konsum personali.

20. Għalhekk kemm it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u kif ukoll il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) sabu li l-Awtorità konvenuta ma kinitx siewja meta fit-23 ta' Ottubru, 2018 ċaħdet it-talba tal-attur appellant biex jikseb it-*tag* ta' xufier fuq ir-raġuni li huwa ma kienx ta' reputazzjoni u kondotta nadifa skont ir-**regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur**.

21. Fuq is-saħħa ta' dawn iż-żewġ sentenzi, l-attur appellant fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti sabiex tikkundanna lill-Awtorità konvenuta tħallsu għat-telf ta' qligħ u xogħol li ġarrab minħabba li ma ngħatax it-*tag* ta' xufier fit-23 ta' Ottubru, 2018.

22. Kif rajna l-Ewwel Qorti ċaħdet dawn it-talbiet għar-raġunijiet fuq imsemmija.

23. Hekk li ġew imsemmija dawn il-ftit fatti li jagħtu stampa aħjar tat-tilwima li hemm għaddejja bejn il-partijiet, il-Qorti tista' tgħaddi biex tindirizza l-appell tal-attur.

24. Fl-**aggravju waħdieni** tiegħu, l-attur jgħid li l-Ewwel Qorti ma rraġunatx tajjeb meta qalet li l-Awtorità konvenuta mhijiex responsabbli li tagħmel tajjeb għad-danni. Huwa jsostni li għalkemm id-diċitura tar-**regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur** mhijiex waħda feliċi, l-Awtorità konvenuta ma kellhiex għalfejn iġġiegħlu jressaq kawża quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva biex jikseb it-*tag* u wisq iktar ma kellha għalfejn tappella mis-sentenza tal-imsemmi Tribunal. Jgħid li minħabba l-interpretazzjoni ħażina li l-Awtorità konvenuta tat lir-**regolament 62D(1)(a)(iii)** huwa spiċċa biex tilef madwar €30,000 bejn Novembru 2018 u April 2021 għaliex baqa' ma ngħatax it-

*tag*. Għalhekk huwa jtenni li jistħoqqlu li jiġi mħallas din is-somma ta' €30,000.

25. L-Awtorità appellata wieġbet għal dan l-appell billi qalet li hija dejjem imxiet b'rieda tajba fuq interpretazzjoni ta' liġi li kienet temmen li kienet korretta, u dan minkejja li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma qabilx magħha, wara li huwa stess qal fis-sentenza tiegħu li dam jaħsibha fit-tul. Tisħaq illi f'dan il-każ hija ma mxietx b'imprudenza, b'negliġenza jew b'mod irraġonevoli. Għalhekk tgħid li l-appell tal-attur għandu mhux biss jiġi miċħud iżda huwa għandu jeħel spejjeż fuqu għal darbtejn peress li skontha l-appell tiegħu kien wieħed fieragħ u vessatorju.

26. Jissokta jingħad li dan l-aggravju tal-attur appellant irid jiġi meqjus fid-dawl tal-elementi tal-azzjoni legali magħżula minnu stess. F'dan il-każ kif għidna aktar kmieni, l-attur iddikjara li huwa sejjes l-azzjoni tiegħu fuq l-**Artikoli 1031** u **1033 tal-Kodiċi Ċivili**.

27. L-**Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili** jgħid li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtijietha, filwaqt li l-**Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili** jgħid li kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel ħsara, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' għaqal, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat

li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.

28. Il-ħtija mnissla minn dawn iż-żewġ artikoli tista' tirriżulta: (i) meta wieħed ikollu l-intenzjoni li jwettaq ħsara lil ħaddieħor; (ii) meta wieħed għalkemm ma jkollux ħsieb li jwettaq deni lil għajru, xorta waħda b'għemilu jispiċċa biex jagħmillu l-ħsara għaliex huwa jkun naqas milli jobsor bil-ħsara li jkun ħa joħloq u jonqos milli jieħu dawk il-passi biex dik il-ħsara ma tiġrix; u (iii) meta wieħed jonqos li jagħmel xi ħaġa li jkollu d-dmir illi jagħmel u b'hekk jikkawża danni lil ħaddieħor, danni illi seta' wkoll jipprevedi (ara f'dan is-sens ***Maria Xuereb pro et noe v. Anthony Taylor et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru, 2013 u ***Conrad Montebello v. Neil Cilia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022).

29. Fi kliem forsi aktar ħafif, wieħed għandu jwieġeb għall-ħsara li jwettaq lil ħaddieħor, meta din il-ħsara tiġri volontarjament, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' previżjoni.

30. Peress li l-**Artikoli 1031** u **1033 tal-Kodiċi Ċivili** jużaw kliem ġeneriċi bħal, '*kull wieħed*' u '*kull min'*, allura dan ifisser li dawn l-artikoli jgħoddu għal kulħadd, inkluż ukoll lill-entitajiet pubbliċi. Għalhekk, anke l-ministeri, id-dipartimenti tal-Gvern, il-kunsilli lokali, il-korporazzjonijiet u l-awtoritajiet pubbliċi huma obbligati jagħmlu tajjeb għad-danni fil-każ li bl-

għemil jew bin-nuqqas ta' għemil tagħhom huma jagħmlu ħsara lil terzi (ara ***Michael Camilleri nomine v. Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2006, ***John Portelli et v. Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri fid-9 ta' Lulju, 2008, ***Lilian Puglisevich v. Kunsill Lokali Naxxar et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-23 ta' Jannar, 2009 u ***Falzon Service Station Limited et pro et noe v. Il-Koporazzjoni EneMalta et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020).

31. B'danakollu wieħed ma jridx jinsa li meta l-għemil tal-entità pubblika, li allegatament ikun ħoloq il-ħsara lil terzi, ikun nibet minn deċiżjoni ta' natura amministrattiva, allura b'mod ġenerali l-kontestazzjoni ta' dak l-għemil u l-kwistjoni tal-għoti tad-danni għandhom ikunu regolati bl-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** (ara ***Roberto Zamboni nomine v. Direttur tal-Kuntratti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2002, ***Dragonara Gaming Limited v. Il-Ministru tal-Finanzi et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2017 u ***Joseph Borg v. Awtorità għat-Trasport f'Malta*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Novembru, 2017).

32. Fil-każ tagħna però, minkejja li l-attur appellant qiegħed jitlob li jitħallas għad-danni minħabba deċiżjoni amministrattiva meħuda mill-

Awtorità Għat-Trasport F'Malta, li skontu, laqtitu ħażin finanzjarjament, huwa ma setax jitlob li huwa jiġi mħallas għad-danni skont l-**Artikolu 469A(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan għaliex biex wieħed jista' jitlob għad-danni taħt l-**Artikolu 469A(5)**, wieħed jeħtieġ li jressaq azzjoni taħt l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Skont l-**Artikolu 469A(4)** id-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma japplikawx meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra. Sewwasew fil-każ tal-lum, il-liġi tgħid fir-**regolament 130D(3) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur** li jekk l-Awtorità Għat-Trasport f'Malta tirrifjuta applikazzjoni ta' għoti ta' *tag* ta' xufier, dak li jkun għandu l-jedd li jappella minn dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Għalhekk il-possibilità ta' rimedju quddiem dan it-Tribunal jeskludi t-tħaddim tal-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** quddiem il-qrati ċivili.

33. Il-problema iżda hi li l-attur appellant inqeda bil-jedd ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont ir-**regolament 130D(3) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur** u saħansitra ngħata anke raġun, li r-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu għall-ħruġ tat-*tag* kienet żbaljata, madankollu huwa ma setax jitħallas għad-danni li ġarrab minħabba r-rifjut tal-Awtorità Għat-Trasport f'Malta peress li t-Tribunal ta'

Reviżjoni Amministrattiva mhuwiex mogħni bis-setgħa taħt l-**Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva** illi jordna l-ħlas ta' danni.

34. Billi għalhekk l-attur appellant, la seta' jitlob lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva biex jiġi mħallas id-danni u lanqas seta jitlob lill-qrati ċivili biex huwa jingħata d-danni skont l-**Artikolu 469A(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, huwa jista' jitlob li jiġi mħallas għad-danni skont il-prinċipji ġenerali tad-danni taħt l-**Artikoli 1031** u **1033 tal-Kodiċi Ċivili** (ara f'dan is-sens is-sentenza ***Frank Pace et v. Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 2005 fejn ingħad li l-attur seta' jinqeda bl-artikoli tad-danni taħt il-**Kodiċi Ċivili** ladarba ma setax jinqeda bl-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**).

35. Stabbilit li l-attur appellant seta' jinqeda bl-**Artikoli 1031** u **1033 tal-Kodiċi Ċivili** biex iħarrek lill-Awtorità appellata għad-danni li jgħid li ġarrab, din il-Qorti issa trid tara jekk l-Awtorità appellata hijiex tassew responsabbli għal dawn id-danni. Dan l-għarbiel jeħtieġ li jsir fid-dawl tar-regola ġenerali misjuba fl-**Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili**, illi tgħid li kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu.

36. F'dan il-każ għalhekk biex l-attur appellant jista' jitlob li jiġi mħallas

għad-danni mingħand l-Awtorità appellata huwa jrid juri li l-Awtorità appellata bir-rifjut tagħha illi tagħtih it-*tag* ta' xufier, hija abbużat mill-jeddijiet u mis-setgħat li huma mogħtija lilha bil-liġi taħt ir-**Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur**. Dan sa ċertu punt jaqbel ma' dak li jgħid l-**Artikolu 469A(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili**, *viz.* li d-danni f'każ ta' għemil amministrattiv li jiġi mħassar jistgħu jingħataw biss f'każijiet fejn l-awtorità pubblika tkun aġixxiet b'rieda ħażina jew b'mod mhux raġonevoli.

37. Ifisser għalhekk li l-fatt waħdu li għemil amministrattiv jiġi mħassar ma jsarrafx f'jedd awtomatiku li wieħed jingħata kumpens għad-danni. Biex wieħed jista' jitlob id-danni kemm taħt il-**Kodiċi Ċivili** u kif ukoll taħt il-**Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili**, bħala riżultat ta' deċiżjoni amministrattiva li ġiet imħassra minn qorti jew tribunal, jeħtieġ li jintwera li dik id-deċiżjoni tkun ittieħdet abbużivament jew b'mod irraġonevoli.

38. Kif taraha din il-Qorti, deċiżjoni amministrattiva tkun ittieħdet b'rieda ħażina jew b'mod abbużiv jekk jirriżulta li d-deċiżjoni tkunu motivata minn raġunijiet ħżiena, qarrieqa, korrotti, fiergħa, diskriminatorji, vendikattivi jew biex iweġġgħu lil dak li jkun.

39. F'din il-kawża l-attur appellant mhuwiex qiegħed jixli lill-Awtorità

konvenuta illi rrifjutat milli tagħtih it-*tag* ta’ xufier għal dawn ir-raġunijiet. Imma anke kieku stess, mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità appellata kienet imnebbħa minn raġunijiet bħal dawk imsemmija fil-paragrafu ta’ qabel dan.

40. Eskluża r-rieda ħażina, il-Qorti trid issa tistħarreġ dwar ir-raġonevolezza tad-deċiżjoni tar-rifjut maħruġa mill-Awtorità appellata.

41. Filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta’ ġudizzju mwettaq mill-amministrazzjoni pubblika huwa bilfors korrett, lanqas m’huwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta’ ġudizzju żbaljat. F’każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti għandha tuża’ biex tkejjel r-raġonevolezza ta’ dik id-deċiżjoni meħuda mill-awtorità amministrattiva hija dik jekk tali deċiżjoni kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli. Għalhekk filwaqt li deċiżjonijiet assurdi, kappriċċużi u insensati ma jistgħux jitqiesu bħala leġittimi u għaldaqstant raġonevoli, mill-banda l-oħra jekk id-deċiżjoni tkun taqa’ fil-konfini tar-raġonevolezza, allura ma jkunx parti mill-irwol tal-ġudikant li jidħol biex jinvestiga l-mertu ta’ dik id-deċiżjoni.

42. Biex deċiżjoni tkun irraġonevoli din trid tkun tant assurda u bla sens li l-ebda bniedem sensittiv ma joħlom li jagħti deċiżjoni bħal dik. Wara kollox, kif tajjeb qal ***Lord Hailsham LC***, «*two reasonable persons can perfectly reasonably come to opposite conclusions on the same set of*

*facts without forfeiting their title to be regarded as reasonable»* (***Re W. (An Infant) [1971]***).

43. Imħaddem dan kollu għall-każ li għandha quddiemha, din il-Qorti ma tistax ħlief tasal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni tar-rifjut meħuda mill-Awtorità appellata ma tistax titqies bħala waħda irraġonevoli fiċ-ċirkostanzi pekuljari ta' dan il-każ u dan minkejja li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) iddeċidew b'mod differenti.

44. Din il-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma fuq is-saħħa ta' dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

i. Li t-test tar-**Regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur** jista' jagħti lok għal interpretazzjonijiet kunfliġġenti dwar jekk ir-reat tal-pussess tar-raża tal-kannabis huwiex reat li minħabba fih setgħet tiġi rifjutata talba għall-ħruġ ta' *tag* ta' xufier u dan minħabba li dan ir-regolament isemmi l-**Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi**, li b'mod ġenerali jgħid li huwa ħati ta' reat kull min jikser jew jonqos li jħares id-dispożizzjonijiet tal-**Ordinanza** inkluż għalhekk ir-reat ta' pussess sempliċi tar-raża tal-kannabis;

ii. Li l-attur appellant stess jistqarr fl-appell tiegħu li l-mod ta' kif

inhuwa miktub ir-**Regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur** mhuwiex daqstant feliċi u għalhekk dan minnu nnifsu jagħti lil wieħed x'jifhem li t-test ta' dan ir-regolament jista' jwassal għal interpretazzjonijiet differenti;

iii. Li r-**Regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur** ġie mdaħħal fil-liġi Maltija fit-13 ta' April, 2018, jiġifieri sitt xhur qabel mal-Awtorità appellata tat id-deċiżjoni amministrattiva tagħha tar-rifjut tat-*tag* fit-23 ta' Ottubru, 2018;

iv. Li ma ntweriex li qabel mal-Awtorità appellata tat id-deċiżjoni tagħha tar-rifjut, kien hemm xi sentenzi tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u/jew tal-Qorti tal-Appell dwar l-interpretazzjoni ta' dan ir-Regolament;

v. Li kemm it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u kif ukoll il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) f'dan il-każ ta' rifjut deċiż mill-Awtorità appellata, qalu fis-sentenzi rispettivi tagħhom li huma kellhom jaħsbuha fit-tul biex jiddeċiedu dwar kif għandu jiġi interpretat ir-**Regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur**;

vi. Li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u l-Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri) straħu d-deċiżjoni tagħhom dwar l-interpretazzjoni korretta tar-**Regolament 62D(1)(a)(iii)** fuq dak li huma ħasbu li kien l-ispirtu tal-liġi u l-intenzjoni tal-leġislatur wara dan ir-regolament, aktar milli fuq it-test litterali tal-istess regolament;

vii. Li huwa minnu li r-reat marbut mal-pussess tar-raża tal-kannabis taħt l-**Artikolu 8(a) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi** mhuwiex imsemmi speċifikatament fir-**Regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur**, madankollu mhuwiex illoġiku li wieħed jargumenta li ladarba dan ir-regolament isemmi speċifikatament l-**Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi**, li b'mod ġenerali jgħid li kull min jikser jew jonqos li jħares id-dispożizzjonijiet tal-**Ordinanza** jkun ħati ta' reat, allura dan ifisser li r-reat tal-pussess tal-kannabis prospettat fl-**Artikolu 8(a) tal-Ordinanza** huwa inkorporat ukoll fl-**Artikolu 22 tal-Ordinanza**; u

viii. Li bħalma l-attur appellant raġonevolment ivvantaġġa ruħu minn interpretazzjoni litterali, meta r-reati marbuta mal-pussess u mat-tqassim tad-droga *ecstacy,* li tagħhom huwa nstab ħati ma ġewx meqjusa għall-għanijiet tar-**Regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur** għaliex il-leġislatur intenzjonalment jew bi żball semma biss l-**Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi** u mhux ukoll l-**Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-**

**Professjonijiet Li Għandhom X'Jaqsmu Magħha**, huwa bl-istess mod seta' raġonevolment jiżvantaġġa ruħu minn interpretazzjoni litterali tar-**Regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur**, fis-sens li kif kienet qiegħda targumenta l-Awtorità appellata ladarba l-leġislatur intenzjonalment jew bi żball semma l-**Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi** li jgħid li huwa ħati ta' reat kull min jikser jew jonqos li jħares id-dispożizzjonijiet tal-**Ordinanza**, allura dan jinkludi fih ukoll il-ksur tal-**Artikolu 8(a) tal-Ordinanza** dwar il-pussess tad-droga kannabis.

45. Jiġi b'hekk, li bħalma qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, id-deċiżjoni ta' rifjut mogħtija mill-Awtorità appellata ma kinitx il-frott ta' xi interpretazzjoni kapriċċuża jew mingħajr qies jew ta' xi intepretazzjoni li hija maqtugħa għalkollox mit-test tar-**Regolament 62D(1)(a)(iii) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur**.

46. Taqbel għalhekk mal-Ewwel Qorti li l-Awtorità appellata m'għandhiex twieġeb għad-danni mitluba mill-attur appellant, ladarba ma ntweriex li l-Awtorità appellata mxiet miegħu b'rieda ħażina jew b'mod irraġonevoli meta rrifjutat illi toħroġlu t-*tag* ta' xufier.

47. L-aggravju tal-attur appellant biex huwa jitħallas id-danni għalhekk mhuwiex fejjiedi.

48. Il-Qorti tagħlaq billi tgħid li hija mhijiex sejra tilqa' t-talba tal-Awtorità appellata biex l-attur appellant jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż ta' dan l-appell għal darbtejn għaliex għalkemm l-appell tiegħu sejjer jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrih, ma jirriżultalhiex li kien fieragħ u vessatorju min-naħa tiegħu li jressaq talba għad-danni, wara li d-deċiżjoni tar-rifjut għall-ħruġ tat-*tag* ta' xufier ġiet imħassra mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri).

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell imressaq minn Kenneth Mamo u tikkonferma għalkollox is-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontrih.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da